MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 790/2004

**John Fitz u Shirley Gauci**

***Versus***

**L-Avukat Anthony Rutter Giappone fil-kwalità tiegħu ta' kuratur ta' l-assenti Domenique Austrauu u Giani Vitali**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni li ġarrbu fil-persuna ta' l-attur John Fitz u fil-proprjetà tagħhom. Din is-sentenza tallum hija dwar eċċezzjoni illi din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u taqta' din il-kawża.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 t'April 2002, f'Paceville, il-konvenuti, li huma t-tnejn ta' nazzjonalità franċiża, għamlu ħsara b'vandaliżmu fuq vetturi ta' l-atturi, u korrew ukoll lill-attur John Fitz li issa, minħabba f'hekk, qiegħed ibati minn debilità permanenti.

Għal dawn id-danni għandhom iwieġbu l-konvenuti, u l-Ambaxxata Franċiża f'Malta ntrabtet illi tagħmel tajjeb,

iżda ma ntlaħaqx ftehim ma’ l-ambaxxata dwar il-likwidazzjoni tad-danni u għalhekk kellha ssir il-kawża li fiha l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti (1) tgħid illi l-konvenuti jaħtu għall-għemil li bih saret il-ħsara, (2) tillikwida d-danni, u (3) tikkundanna lill-konvenuti jew lil min minnhom jaħti jħallsu d-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi taħt l-art. 742(1)(*f*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni.

Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

L-art. 742(1)(*f*) li fuqu qegħdin jistrieħu l-konvenuti jgħid hekk:

**742.** (1) Bla ħsara ta’ fejn il-liġi tiddisponi espressament xort’oħra, il-Qrati Ċivili ta’ Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:

… … …

(*f*) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta’ Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta’ persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f’Malta, meta s-sentenza tista’ tkun esegwita f’Malta;

Fil-każ tallum jista’ jkun relevanti wkoll is-sub-artikolu (6) ta’ l-istess artikolu:

(6) Meta disposizzjoni issir taħt xi liġi oħra jew f’xi Regolament ta’ l-Unjoni Ewropea fejn tintgħamel disposizzjoni differenti minn dik li tinsab f’dan l-artikolu, id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw dwar l-affarijiet li jaqgħu taħt dik id-disposizzjoni l-oħra u għandhom biss japplikaw għal affarijiet li dwarhom dik id-disposizzjoni l-oħra ma tapplikax.

Ir-Regolament relevanti huwa r-Regolament numru 44 ta’ l-2001 tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea magħruf bħala *Bruxelles I*. Id-dispożizzjoni relevanti hija dik ta’ l-art. 5.3:

Artikolu 5

Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista’, fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxijja:

... ... ...

3. f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kwasi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett tal-ħsara jkun twettaq jew jista' jitwettaq;

Jekk il-każ jaqax taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew taħt dawk tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 44/2001 jiddependi fuq jekk il-konvenuti għandhomx domiċilju f'pajjiż ta' l-Unjoni jew le.

Fil-fehma tal-qorti, ma jistax ikun serjament kontestat illi l-konvenuti għandhom domiċilju franċiż. Twieldu Franza[1], għandhom nazzjonalità franċiża, meta kienu interrogati mill-pulizija wara li seħħ l-inċident li dwaru saret il-kawża taw indirizz fi Franza[2], u huma membri tal-forzi armati ta' Franza fuq bastiment navali franċiż li huwa estensjoni tat-territorju nazzjonali franċiż. Dawn l-elementi kollha flimkien iwasslu għall-konklużjoni illi d-domiċilju tagħhom għadu franċiż.

Fil-każ tallum id-danni, jew "l-effett tal-ħsara", seħħew f'Malta, u għalhekk, għalkemm il-konvenuti għandhom domiċilju fi stat membru ieħor, jistgħu jkunu mħarrka f'Malta.

Lanqas ma taqbel din il-qorti ma' l-argument li għamlu l-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom illi l-art. 38.1[3] tar-Regolament ifisser illi, biex qorti ta' stat membru jkollha ġurisdizzjoni taħt ir-Regolament, is-sentenza trid tkun tista' tiġi materjalment esegwita f'dak il-pajjiż. Xi skop ikun hemm għal dispożizzjonijiet għall-esekuzzjoni ta' sentenza fi stat membru ieħor jekk, biex tikseb dik l-esekuzzjoni, is-sentenza trid tkun tista' tiġi materjalment esegwita fl-istat tal-qorti li tat is-sentenza?

F'kull każ, ukoll li kieku seta' b'xi mod jingħad illi l-konvenuti ma għandhomx domċilju f'Malta, xorta l-qrati ta' Malta kien ikollhom ġurisdizzjoni taħt l-art. 742(1)(*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax is-sentenza tista' tiġi esegwita f'Malta.

Ir-raġuni hi illi, meta l-pulizija bdew proċeduri penali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-E.T. l-Ambaxxatur ta' Franza b'ittra tat-23 t'April 2002[4] rabat lill-ambaxxata li

---

1 *Fol.* 133.

2 *Fol.* 126 u *fol.* 129.

3 "38.1 Sentenza mogħtija fi Stat Membru u eżegwita f'dak l-Istat għandha tiġi eżegwita fi Stat Membru ieħor meta, fuq applikazzjoni ta' parti nteressata, tkun ġiet dikjarata eżegwibbli hemmhekk."

4 *Fol.* 112.

tagħmel tajjeb għall-ħsarat kollha li għamlu l-konvenuti. Naturalment, dan ma jfissirx illi terza persuna tista', billi tintrabat li tagħmel tajjeb għad-danni, tagħti lill-qrati ta' Malta ġurisdizzjoni fuq persuna kontra r-rieda ta' dik il-persuna meta, li ma kinitx għall-obbligazzjoni li ħadet fuqha dik it-terza persuna, dawn il-qrati ma kienx ikollhom ġurisdizzjoni. Fil-każ tallum iżda l-konvenuti aċċettaw li l-ambaxxata ta' pajjiżhom tagħmel tajjeb għal-ħsara li għamlu tant illi nqdew b'dik l-obbligazzjoni billi ippreżentaw kopja ta' l-ittra ta' l-ammbaxatur għall-għanijiet ta' l-art. 28A tal-Kodiċi Kriminali, kif jidher mis-sentenza mogħtija kontriehom mill-Qorti tal-Maġistrati fit-23 t'April 2002[5].

Ladarba, għalhekk, is-sentenza tista' tiġi esegwita f'Malta, il-qrati ta' Malta kien ikollhom ġurisdizzjoni taħt l-art. 742(1)(*f*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li kieku ma kellhomx dik il-ġurisdizzjoni taħt l-art. 5.3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 44/2001.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tordna illi jitkompla s-smigħ tal-kawża. L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

5 *Foll.* 110 *et seq.*